

DIRETTIVI

DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI 2007/34/KE

ta' l-14 ta' Ġunju 2007

li temenda, għall-għanijiet ta' l-aġġustament tagħha għal progress tekniku, id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE fir-rigward tal-livell permissibbli ta' ħoss u tas-sistema ta' l-egżost tal-vetturi bil-mutur

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

jinsab fir-Regolament UN/ECE Nru 51, is-serje 02 ta' emendi ⁽³⁾.

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE tas-6 ta' Frar 1970 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom ⁽¹⁾, u partikolarment it-tieni inċiż ta' l-Artikolu 13(2) tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE relatata ma' l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri li jirrigwardaw il-livell permissibbli tal-ħoss u tas-sistema ta' l-egżost tal-vetturi bil-mutur ⁽²⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 3 tagħha,

Billi:

(1) Id-Direttiva 70/157/KEE hija waħda mid-Direttivi separati fil-kuntest tal-proċedura ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-Komunità stipulata fid-Direttiva 70/156/KEE. Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 70/156/KEE marbuta ma' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati għall-vetturi għalhekk japplikaw għad-Direttiva 70/157/KEE.

(2) Minn mindu daħlet fis-seħħ id-Direttiva 70/157/KEE tas-6 ta' Frar 1970, il-limiti tal-ħoss għal vetturi bil-mutur tnaqqsu bosta drabi, l-aktar darba riċenti fl-1995. Dan l-aħħar tnaqqis ma kellux l-effetti mistennija u l-istudji sussegwenti wrew li l-metodu tal-kejl m'għadux jirrifletti l-imġiba reali tad-dinja tas-sewqan. Għalhekk meħtieġ li jiddaħħal ċiklu ġdid ta' testijiet u li jitqarribu l-kondizzjonijiet tas-sewqan għat-twetliq tat-test ta' l-istorbju lejn l-operat reali tad-dinja tas-sewqan. Iċ-ċiklu ġdid ta' testijiet

(3) Matul perjodu tranżizzjonali, it-test attwali kif ukoll it-test ġdid għandhom jitwettqu għall-approvazzjoni tat-tip u r-riżultati taż-żewġ testijiet għandhom jiġu rrapportati lill-Kummissjoni. Dan għandu jippermetti lill-Kummissjoni sabiex tikseb id-data meħtieġa għat-twaqqif tal-valuri xierqa tal-limiti għall-metodu ġdid ta' kejl li għandu jieħu post il-protokoll eżistenti tat-test. Il-metodu attwali għandu jissokta jkun mitlub sabiex tinkiseb l-approvazzjoni tat-tip u l-metodu l-ġdid għandu jintuża għal għanijiet ta' monitoraġġ. Wara l-perjodu tranżizzjonali, il-protokoll tat-test kif adattat għat-test il-ġdid għandu jsir l-uniku kejl mitlub sabiex tingħata l-approvazzjoni tat-tip.

(4) Sabiex jittieħdu f'kunsiderazzjoni l-emendi l-aktar riċenti għar-Regolamenti UN/ECE Nri 51 u 59, li l-Komunità diġà saret parti tagħhom, huwa xieraq li tiġi adattata d-Direttiva 70/157/KEE għall-progress tekniku billi tiġi allinjata mar-rekwiżiti tekniċi ta' dawn ir-regolamenti. Dan huwa importanti, b'mod partikolari, sabiex tinkiseb il-proċedura mandatorja ta' monitoraġġ ta' l-emissjonijiet ta' l-istorbju tal-vetturi bil-mutur stipulata fir-Regolament UN/ECE Nru 51 għall-għanijiet ta' l-approvazzjoni tat-tip. Jekk ma jseħħx dan, id-Direttiva taqa' lura meta mqabbla mar-Regolament f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-avvanz tekniku.

(5) Skond l-Artikolu 3 tad-Direttiva 70/157/KEE, il-miżuri previsti f'din id-Direttiva ma jbidlux ir-rekwiżiti stipulati fil-punti 5.2.2.1 u 5.2.2.5 ta' l-Anness I għad-Direttiva 70/157/KEE. F'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istruttura l-ġdida ta' l-Annessi, jeħtieġ li jiġu adattati n-numerazzjoni u r-referenzi speċifikati f'dawn il-punti. Sabiex tiġi żgurata r-rabta mad-dispożizzjonijiet l-oħra tal-leġiżlazzjoni tal-Komunità, huwa xieraq ukoll li tiġi prevista korrelazzjoni bejn in-numerazzjoni attwali u dik ġdida.

(6) Il-miżuri previsti f'din id-Direttiva huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar Aġġustament għall-Progress Tekniku,

⁽¹⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva 2006/96/KE (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 81).

⁽²⁾ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 16. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2006/96/KE.

⁽³⁾ ĠU L 137, 30.5.2007, p. 68.

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Id-Direttiva 70/157/KEE hija emendata kif ġej:
 - (a) L-Anness I jinbidel bit-test stipulat fl-Anness I għal din id-Direttiva;
 - (b) L-Anness II jinbidel bit-test stipulat fl-Anness II għal din id-Direttiva;
 - (c) L-Anness III jinbidel bit-test stipulat fl-Anness III għal din id-Direttiva;
 - (d) L-Anness IV huwa mħassar.
2. Ir-referenzi għall-punti 5.2.2.1. u 5.2.2.5. ta' l-Anness I għad-Direttiva 70/157/KEE għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għall-punti 2.1 u 2.2 ta' l-Anness I, kif mibdula b'din id-Direttiva.

Artikolu 2

B'effett mis-6 ta' Lulju 2008 u sas-6 ta' Lulju 2010 l-vettura li għandha tingħata approvazzjoni tat-tip għandha tkun soġġetta għat-test stipulat fl-Anness 10 tar-Regolament UN/ECE Nru 51 għal għanijiet ta' monitoraġġ biss. Ir-riżultati ta' dan it-test għandhom jiżdiedu mad-dokumenti stipulati fl-Appendiċi 1 u 2 ta' l-Anness I għad-Direttiva 70/157/KEE kif emendata minn din id-Direttiva, b'konformità ma' l-Anness 9 tar-Regolament UN/ECE Nru 51. L-Istat Membru kkonċernat għandu jibgħat tali dokumenti ta' tagħrif lill-Kummissjoni. Dawn l-obbligi ma jaffettwawx każijiet ta' estensjoni ta' approvazzjonijiet eżistenti skond din id-Direttiva. Għall-għan ta' din il-proċedura ta' monitoraġġ vettura mhijiex meqjusa li hija tip ġdid jekk il-vettura hija differenti biss fir-rigward tal-paragrafi 2.2.1. u 2.2.2. tar-Regolament UN/ECE Nru 51.

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jadottaw u jippubblikaw, sal-5 ta' Lulju 2008 l-aktar tard, il-liġijiet, ir-regolamenti, u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva. Għandhom jikkomunikaw minnufih lill-Kummissjoni t-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet u t-tabella ta' korrelazzjoni bejn dawk id-dispożizzjonijiet u din id-Direttiva.

Huma għandhom japplikaw dawk id-dispożizzjonijiet mis-6 ta' Lulju 2008.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, għandu jkollhom riferenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati b'tali referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. L-istati Membri għandhom jistabbilixxu kif trid issir referenza tali.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet ewlenin tal-liġi nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Artikolu 5

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 14 ta' Ġunju 2007.

Għall-Kummissjoni
Günter VERHEUGEN
Viċi-President

ANNEX I

"ANNEX I

DISPOŻIZZJONIJET GĦAL APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE RIGWARD IL-LIVELL TAL-ĦOSS TA' TIP TA' VETTURA BIL-MUTUR

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' VETTURA
 - 1.1. L-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3(4) tad-Direttiva 70/156/KEE ta' tip ta' vettura għal dak li għandu x'jaqşam mal-livell ta' hooss għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura.
 - 1.2. Fl-Appendiċi 1 qed jidher il-mudell tad-dokument ta' tagħrif.
 - 1.3. Vettura rappreżentattiva tat-tip li għalih qed tintalab l-approvazzjoni tat-tip għandha tiġi ppreżentata lis-servizz tekniku responsabbli għat-testijiet mill-manifattur tal-vettura.
 - 1.4. Fuq talba tas-servizz tekniku, għandhom ikunu ppreżentati wkoll kampjun tas-sistema ta' l-egżost u magna ta' mill-anqas l-istess kapaċità ċilindrika u qawwa massima valorizzata bħal dik installata fil-vettura li għaliha qed tintalab l-approvazzjoni tat-tip.

2. LIVELL TA' ĦOSS TA' VETTURI MIEXJA

2.1. Valuri tal-limitu

Il-livell tal-hooss imkejje skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness III m'għandux jaqbeż il-limiti li ġejjin:

Kategoriji tal-vettura	Valuri espressi f'dB (A) (decibels(A))
2.1.1. Vetturi maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri u jinkludu mhux aktar minn disa' sedili inkluż is-sedil tas-sewwieq.	74
2.1.2. Vetturi maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri u mġhammin b'aktar minn disa' sedili, inkluż is-sedil tas-sewwieq; u li għandhom massa massima permissibbli ta' aktar minn 3.5 tunnelli u:	
2.1.2.1. b'qawwa tal-magna ta' anqas minn 150 kW	78
2.1.2.2. b'qawwa tal-magna ta' mhux anqas minn 150 kW	80
2.1.3. Vetturi maħsuba għat-trasport tal-passiġġieri u mġhammin b'aktar minn disa' sedili, inkluż is-sedil tas-sewwieq; vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija:	
2.1.3.1. b'toqol massimu permissibbli ta' mhux aktar minn 2 tunnelli	76
2.1.3.2. b'toqol massimu permissibbli ta' aktar minn 2 tunnelli metriċi iżda mhux aktar minn 3.5 tunnelli metriċi	77
2.1.4. Vetturi maħsuba għat-trasport tal-merkanzija u li għandhom toqol massimu permissibbli ta' aktar minn 3.5 tunnelli metriċi	
2.1.4.1. b'qawwa tal-magna ta' anqas minn 75 kW	77
2.1.4.2. b'qawwa tal-magna ta' mhux anqas minn 75 kW iżda anqas minn 150 kW	78
2.1.4.3. b'qawwa tal-magna ta' mhux anqas minn 150 kW	80

Madankollu

- għal vetturi tal-kategoriji 2.1.1 u 2.1.3, il-valuri tal-limitu jiġdiedu b'1 dB (A) jekk ikunu mġhammin b'magna diżil b'inejzzjoni diretta,
- għal vetturi b'toqol massimu permissibbli ta' aktar minn żewġ tunnelli maħsuba għall-użu *off-road*, il-valuri tal-limitu jiġdiedu b'1 dB (A) jekk il-qawwa tal-magna tagħhom hija anqas minn 150 kW u 2 dB (A) jekk il-qawwa tal-magna hija 150kW jew akbar,

- għal vetturi fil-kategorija 2.1.1., mghamrin b'gear box operata manwalment li għandha aktar minn erba' gerijiet il quddiem u b'magna li tiżviluppa qawwa massima li taqbeż il-140 kW/t, u li r-relattività tal-qawwa massima/il-massa massima taqbeż il-75 kW/t, il-valuri tal-limitu jiġdiedu b'1 dB (A) jekk il-veloċità li fiha l-wara tal-vettura jgħaddi mill-linja BB' fit-tielet gear tkun akbar minn 61 km/siegħa.

2.2. Interpretazzjoni tar-riżultati

- 2.2.1. Sabiex jitqiesu l-ineżattezzi fl-istrumenti tal-kejl, ir-riżultat miksub minn kull kejl għandu jkun iddeterminat billi jitnaqqas 1 dB (A) mill-qari ta' l-arloġġ.
- 2.2.2. Il-kejl għandu jitqies validu jekk id-differenza bejn żewġ qisien konsekuttivi fuq l-istess naħa tal-vettura ma jkunux jeċċedu 2 dB(A).
- 2.2.3. L-ogħla livell tal-ħoss imkejjel għandu jikkostitwixxi r-riżultat tat-test. Jekk ir-riżultat jeċċedi l-livell massimu tal-ħoss permissibbli għall-kategorija tal-vettura eżaminata b'1 dB(A), għandhom isiru żewġ kejl oħra fil-pożizzjoni korrispondenti tal-mikrofonu. Tlieta mill-erba' kejl miksuba b'dan il-mod fil-pożizzjoni tal-mikrofonu għandhom ikunu fi ħdan il-limiti preskritti.

3. IMMARKAR

- 3.1. Il-komponenti tas-sistema ta' l-egżost u tad-dħul, minbarra l-biċċiet għall-immuntar u l-pajpijiet, għandu jkollhom:
- 3.1.1. it-trademark jew l-isem tal-fabbrikant tas-sistemi u tal-komponenti tagħhom;
- 3.1.2. id-deskrizzjoni kummerċjali tal-manifattur.
- 3.2. Dawn il-marki għandhom ikunu jistgħu jinqraw b'mod ċar u ma jkunux jistgħu jitħassru, anke meta s-sistema tiġi installata fil-vettura.

4. GĦOTJA TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE GĦAL TIP TA' VETTURA

- 4.1. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti jiġu sodisfatti, l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, jekk applikabbli, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156 KEE, għandha tingħata.
- 4.2. L-Appendiċi 2 jagħti mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.
- 4.3. Numru ta' l-approvazzjoni skond l-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE għandu jkun assenjat lil kull tip ta' vettura approvat. L-istess Stat Membru m'għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' vettura.

5. MODIFIKA TAT-TIP U L-EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET

- 5.1. Fil-każ ta' modifika tat-tip approvat skond din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE.

6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI

- 6.1. Miżuri biex jiżguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.
- 6.2. Dispożizzjonijiet speċjali:
- 6.2.1. It-testijiet imsemmija fil-punt 2.3.5 ta' l-Anness X tad-Direttiva 70/156/KEE huma dawk stipulati fl-Anness 7 tar-Regolament UN/ECE kif imsemmi fl-Anness III ta' din id-Direttiva.
- 6.2.2. Il-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet imsemmija fl-entrata 3 ta' l-Anness X tad-Direttiva 70/156/KEE hija normalment darba kull sentejn.

Appendiċi 1

Dokument ta' tagħrif Nru ... skond l-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 70/156/KEE (*) li tikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip tal-KE ta' vettura f'dak li għandu x'jaqsam mal-livell permessibbli tal-ħoss u s-sistema ta' l-egżost (Id-Direttiva 70/157/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva .../.../KE)

It-tagħrif li ġej, jekk applikabbli, għandu jingħata fi tliet kopji u jinkludi lista tal-kontenuti. Kull illustrazzjoni għandha tingħata fi skala xierqa u f'dettall biżżejjed fuq daqs ta' A4 jew *folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm minnhom, iridu juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistemi, il-komponenti jew l-unitajiet tekniċi separati jkollhom kontrolli elettroniċi, għandu jingħata t-tagħrif li jikkonċerna l-prestazzjoni tagħhom.

0. Ġenerali

- 0.1. L-għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. It-tip u d-deskrizzjoni(jiet) kummerċjali ġenerali:
- 0.3. Il-mezz għall-identifikazzjoni tat-tip, jekk ikun immarkat fuq il-vettura (b):
- 0.3.1. Il-post fejn jinsab dan l-immarkar:
- 0.4. Il-kategorija ta' vettura (ċ):
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar:

1. Il-karatteristiċi ġenerali tal-kostruzzjoni tal-vettura

- 1.1. Ir-ritratti u/jew l-illustrazzjonijiet ta' vettura rappreżentattiva:
- 1.3.3. Il-fusijiet motorizzati (numru, pożizzjoni, interkonnessjoni):
- 1.6. Il-pożizzjoni u l-arranġament tal-magna:

2. Il-massa u d-dimensjonijiet (e) (f'kg u mm) (Irreferri għall-illustrazzjoni fejn applikabli)

- 2.4. Il-firxa tad-dimensjonijiet tal-vettura (b'mod globali)
 - 2.4.1. Għax-chassis mingħajr karożzerija
 - 2.4.1.1. It-tul (j):
 - 2.4.1.2. Il-wisa' (k):
 - 2.4.2. Għax-chassis bil-karożzerija
 - 2.4.2.1. It-tul (j):
 - 2.4.2.2. Il-wisa' (k):
- 2.6. Il-massa tal-vettura bil-karożzerija f'qagħda ta' tħaddim, jew il-massa tax-chassis bil-kabina jekk il-fabbrikant ma jinstallax il-karożzerija (b'taġhmir standard, inkluż il-coolant, iż-żjut, il-karburant, l-għodda, ir-rotta awżiljari u s-sewwieq) (o) (massimu u minimu):

(*) In-numri ta' l-entrati u n-noti ta' qiegħ il-paġna użati f'dan id-dokument ta' tagħrif jikkorrispondu għal dawk stipulati fl-Anness I tad-Direttiva 70/156/KEE. L-entrati mhux rilevanti għall-għan ta' din id-Direttiva thallaw barra.

3. **Il-mutur ta' propulsjoni (q)**
 - 3.1. Il-manifattur:
 - 3.1.1. Il-kodiċi tal-magna tal-manifattur: (Kif immarkat fuq il-magna, jew mezz ieħor ta' identifikazzjoni)
 - 3.2. Il-magna b'kombustjoni interna
 - 3.2.1.1. Il-prinċipju ta' tħaddim: *positive ignition/compression ignition, four stroke/two stroke* ⁽¹⁾
 - 3.2.1.2. In-numru u t-tqassim taċ-ċilindri:
 - 3.2.1.2.3. Il-*firing* order:
 - 3.2.1.3. Il-kapaċità tal-magna (s): cm^3
 - 3.2.1.8. Il-qawwa massima netta (t): kW min^{-1} (valur iddikjarat tal-manifattur)
 - 3.2.4. Alimentazzjoni tal-karburant:
 - 3.2.4.1. Bil-karburatur(i): iva/le ⁽¹⁾
 - 3.2.4.1.2. It-tip(i):
 - 3.2.4.1.3. In-numru installat:
 - 3.2.4.2. B'injezzjoni tal-karburanti (*compression ignition* biss): iva/le ⁽¹⁾
 - 3.2.4.2.2. Il-prinċipju ta' l-operat: Injezzjoni diretta/*pre-chamber/swirl chamber* ⁽¹⁾
 - 3.2.4.2.4. Il-*governor*
 - 3.2.4.2.4.1. It-tip:
 - 3.2.4.2.4.2.1. Il-limitu massimu għal kemm tiflaħ magna fl-aqwa tagħha: min^{-1}
 - 3.2.4.3. Permezz ta' injezzjoni tal-karburant(*positive ignition* biss): iva/le ⁽¹⁾
 - 3.2.4.3.1. Il-prinċipju ta' l-operat: Il-manifold ta' l-*intake* (*single-/multi-point* ⁽¹⁾)/*direct injection*/oħrajn (speċifika) ⁽¹⁾
 - 3.2.8. Sistema ta' l-*intake*
 - 3.2.8.4.2. Il-filtru ta' l-arja, illustrazzjonijiet; jew
 - 3.2.8.4.2.1. L-għamla(għamliet):
 - 3.2.8.4.2.2. It-tip(i):
 - 3.2.8.4.3. Is-sajlenser ta' l-*intake*, l-illustrazzjonijiet; jew
 - 3.2.8.4.3.1. Għamla(għamliet):
 - 3.2.8.4.3.2. It-tip(i):
 - 3.2.9. Is-sistema ta' l-egżost:
 - 3.2.9.2. Id-deskrizzjoni u/jew l-illustrazzjoni tas-sistema ta' l-egżost:

⁽¹⁾ Ħassar kif xieraq.

3.2.9.4. Is-sajlenser(s) ta' l-egżost:

Għas-sajlenser ta' quddiem, tan-nofs, ta' wara: binja, tip, immarkar, fejn relevanti għal storbu estern: miżuri ta' tnaqqis fil-kumpartament tal-magna u fuq il-magna:

3.2.9.5. Fejn tinsab il-bokka ta' l-egżost:

3.2.9.6. Is-sajlenser ta' l-egżost li jkun fih materjali fibrużi:

3.2.12.2.1. *Catalytic converter*: iva/le ⁽¹⁾

3.2.12.2.1.1. In-numru ta' *catalytic converters* u elementi:

3.3. Il-mutur ta' l-elettriku

3.3.1. It-tip (*winding, excitation*):

3.3.1.1. Ammont massimu prodott fis-sieġha: kW

3.3.1.2. Il-vultaġġ li jopera bih: V

3.4. Magni oħra jew muturi jew taħlita tagħhom (dettalji li għandhom x'jaqsmu mal-parts ta' magni jew muturi tali):

4. **It-trasmissjoni (v)**

4.2. It-tip (mekkanika, idrawlika, elettrika, eċċ.)

4.6. Ir-ratios (proporzjonijiet) ta' dawrien tal-ger

Ġer	Ratios interni tal-gerboks (ratios tal-magna mar-revoluzzjonijiet tax-xaft tal-produzzjoni tal-gerboks)	Drive ratio aħħari (ratio bejn ix-xaft mill- gerboks u d-dawrien tar-roti motorizzati)	Total tar-ratios ta' dawrien tal-ger
Massimu għat-TKV (*)			
1			
2			
3			
...			
Minimu għat-TKV (*)			
Rivers			

(*) Trasmissjoni Kontinwament Varjabbli

4.7. Veloċità massima tal-vettura (u l-ger li fih tinkiseb) (fkm/sieġha) (w):

6. **Sospensjoni**

6.6. It-tajers u r-roti

6.6.2. Limiti superjuri u inferjuri tar-raġġi ta' l-irroljar

6.6.2.1. Fus 1:

6.6.2.2. Fus 2:

6.6.2.3. Fus 3:

6.6.2.4. Fus 4:

eċċ.

⁽¹⁾ Ħassar kif xieraq.

9. **Karozzerija (mhux applikabbli għal vetturi tal-kategorija M₁)**
- 9.1. It-tip ta' karozzerija:
- 9.2. Materjali użati u metodi tal-binja
12. **Mixxellanji**
- 12.5. Dettalji ta' kwalunkwe tagħmir mhux tal-magna mfassal sabiex inaqqas l-istorbju (jekk mhux kopert minn entrati oħra):
- Tagħrif addizzjonali fil-każ ta' vetturi *off-road*
- 1.3. In-numru tal-fusijiet u tar-roti:
- 2.4.1. Għax-*chassis* mingħajr karozzerija
- 2.4.1.4.1. Angolu ta' avviċinament (na): gradi
- 2.4.1.5.1. Angolu ta' tluq (nb): gradi
- 2.4.1.6. Għoli mill-art (kif definit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A ta' l-Anness II għad-Direttiva 70/156/KEE)
- 2.4.1.6.1. Bejn il-fusijiet:
- 2.4.1.6.2. Taħt il-fus(ijiet) ta' quddiem:
- 2.4.1.6.3. Taħt il-fus(ijiet) ta' wara:
- 2.4.1.7. Angolu tar-rampa (nċ): gradi
- 2.4.2. Għax-*chassis* bil-karozzerija
- 2.4.2.4.1. Angolu ta' avviċinament (na): gradi
- 2.4.2.5.1. Angolu ta' tluq (nb): gradi
- 2.4.2.6. Għoli mill-art (kif definit fil-punt 4.5 tat-Taqsima A ta' l-Anness II għad-Direttiva 70/156/KEE)
- 2.4.2.6.1. Bejn il-fusijiet:
- 2.4.2.6.2. Taħt il-fus(ijiet) ta' quddiem:
- 2.4.2.6.3. Taħt il-fus(ijiet) ta' wara:
- 2.4.2.7. Angolu tar-rampa (nċ): gradi
- 2.15. Kapaċità ta' aċċelerazzjoni minn wieqaf f'telgħa (vettura waħedha): fil-mija
- 4.9. Lokk tad-*ifferential*: iva/le/possibbli (¹)

Data, Inkartament

(¹) Ħassar kif xieraq.

Appendiċi 2

MUDELL

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP KE

(Format Massimu: A4 (210 x 297 mm))

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

- l-approvazzjoni ta' tip ⁽¹⁾
- l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾
- l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ fir-rigward tad-Direttiva .../.../KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva .../.../KE.

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Ir-raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

- 0.1. L-għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):
- 0.2. Tip u deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:
- 0.3. Il-mezzi ta' l-identifikazzjoni tat-tip jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾
- 0.3.1. Il-post fejn jinsab dan l-immarkar:
- 0.4. Kategorija ta' vettura ⁽³⁾:
- 0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:
- 0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, post u metodu ta' twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tal-KEE:
- 0.8. L-indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' l-immuntar

TAQSIMA II

1. Informazzjoni addizzjonali (meta applikabbli): Ara l-Addendum
2. Is-servizzi tekniċi responsabbli li jwettqu t-testijiet:
3. Id-data tar-rapport tat-test:
4. In-numru tar-rapport tat-test:
5. Rimarki (jekk hemm): Ara l-Addendum
6. Il-Post:
7. Id-Data:
8. Il-Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' tagħrif ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

⁽¹⁾ Ħassar kif xieraq.

⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti biċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: '?' (eż. ABC??123??).

⁽³⁾ Kif definita fl-Anness II A għad-Direttiva 70/156/KEE.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...

li jikkonċerna l-approvazzjoni tat-tip ta' vettura fir-rigward tad-Direttiva 70/157/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva .../.../KE

1. Informazzjoni addizzjonali:
 - 1.1. Jekk meħtieġa, lista ta' vetturi koperti mill-entrata 3.1.2.3.2.3. ta' l-Anness III tar-Regolament UN/ECE Nru 51:
 - 1.2. Il-Magna:
 - 1.2.1. Il-Manifattur:
 - 1.2.2. It-tip:
 - 1.2.3. Il-Mudell:
 - 1.2.4. Qawwa massima valorizzata kW fi min⁻¹
 - 1.3. It-Trażmissjoni: gerboks mhux awtomatika/awtomatika ⁽¹⁾
 - 1.3.1 In-numru ta' gerijiet:
 - 1.4. Tagħmir
 - 1.4.1 Sajlenser ta' l-egżost
 - 1.4.1.1. Il-Manifattur:
 - 1.4.1.2. Il-Mudell:
 - 1.4.1.3. It-tip: skond l-illustrazzjoni Nru:
 - 1.4.2 Sajlenser ta' l-intake
 - 1.4.2.1. Il-Manifattur:
 - 1.4.2.2. Il-Mudell:
 - 1.4.2.3. It-tip: skond l-illustrazzjoni Nru:
 - 1.5. Id-daqs tat-tajer:
 - 1.5.1. Id-deskrizzjoni tat-tip tat-tajer użat għall-ittestjar ta' l-approvazzjoni tat-tip:
 - 1.6. Kejl
 - 1.6.1. Il-livell tal-ħoss tal-vettura miexja

Riżultati tal-kejl			
	In-naħa tax-xellug dB (A) ⁽¹⁾	In-naħa tal-lemin dB (A) ⁽¹⁾	Pożizzjoni tal-gerlijver
l-ewwel kejl			
it-tieni kejl			
it-tielet kejl			
ir-raba' kejl			
Riżultati tat-test: dB (A)/E ⁽²⁾			
⁽¹⁾ Il-valuri tal-kejl qed jingħataw bi tnaqqis ta' 1 dB (A) skond id-dispożizzjonijiet ta' l-entrata 2.2.1 ta' l-Anness I.			
⁽²⁾ 'E' tindika li l-kejl ikkonċernat ittieħed skond din id-Direttiva.			

- 1.6.2. Il-livell tal-ħoss tal-vettura wieqfa:

Riżultati tal-kejl		
	dB (A)	Il-Magna:
l-ewwel kejl		
it-tieni kejl		
it-tielet kejl		
Riżultati tat-test: dB (A)/E ⁽¹⁾		
⁽¹⁾ 'E' tindika li l-kejl ikkonċernat ittieħed skond din id-Direttiva.		

⁽¹⁾ Ħassar kif xieraq.

1.6.3. Il-livell tal-ħoss ta' l-istorbju ta' l-arja kkumpressa:

Riżultati tal-kejl		
	In-naħa tax-xellug dB (A) ⁽¹⁾	In-naħa tal-lemin dB (A) ⁽¹⁾
l-ewwel kejl		
it-tieni kejl		
it-tielet kejl		
ir-raba' kejl		
Riżultati tat-test: dB (A)		
⁽¹⁾ Il-valuri tal-kejl qed jingħataw bi tnaqqis ta' 1 dB (A) skond id-dispożizzjoni ta' l-entrata 2.2.1 ta' l-Anness I.		

5. Rimarki:"

ANNEX II

"ANNEX II

DISPOŻIZZJONIJIET AMMINISTRATTIVI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE TAS-SISTEMI TA' L-EGŻOST BĦALA UNITAJIET SEPARATI (SISTEMI TA' SOSTITUZZJONI TA' L-EGŻOST)

1. APPLIKAZZJONI GĦALL-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE
 - 1.1. L-applikazzjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 3 (4) tad-Direttiva 70/156/KEE fir-rigward ta' sistema ta' sostituzzjoni ta' l-egżost jew ta' komponent tagħha bħala unità teknika separata għandha tiġi ppreżentata mill-manifattur tal-vettura jew mill-manifattur ta' l-unità teknika separata kkonċernata.
 - 1.2. Fl-Appendiċi 1 qed jidher il-mudell tad-dokument ta' tagħrif.
 - 1.3. Fuq talba tas-servizz tekniku ikkonċernat, l-applikant għandu jippreżenta:
 - 1.3.1. żewġ eżempji tas-sistema li għaliha saret l-applikazzjoni għal approvazzjoni tat-tip tal-KEE,
 - 1.3.2. sistema ta' l-egżost tat-tip oriġinali installata fil-vettura meta nġatat l-approvazzjoni tat-tip KEE,
 - 1.3.3. vettura rappreżentattiva ta' dan it-tip li fuqha se tiġi installata s-sistema, li tissodisfa r-rekwiżiti ta' l-entrata 4.1 ta' l-Anness 7 tar-Regolament UN/ECE Nru 51 kif imsemmija fl-Annex III ta' din id-Direttiva.
 - 1.3.4. magna separata li tikkorrispondi għat-tip tal-vettura deskritta hawn fuq.
 2. IMMARKAR
 - 2.4.1. Is-sistema ta' sostituzzjoni ta' l-egżost jew tal-komponenti tagħha, minbarra l-l-biċċiet għall-immuntar u l-pajpijiet, għandu jkollhom:
 - 2.4.1.1. it-trade mark jew l-isem kummerċjali tal-manifattur tas-sistema ta' sostituzzjoni u tal-komponenti tagħha,
 - 2.4.1.2. id-deskrizzjoni kummerċjali tal-manifattur,
 - 2.4.2. Dawn il-marki għandhom ikunu jistgħu jinqaw b'mod ċar, ukoll meta s-sistema tiġi installata fil-vettura.
3. L-GĦOTI TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE
 - 3.1. Jekk ir-rekwiżiti rilevanti jkunu sodisfatti, għandha tingħata l-approvazzjoni tat-tip tal-KE skond l-Artikolu 4(3) u, fejn japplika, l-Artikolu 4(4) tad-Direttiva 70/156/KEE.
 - 3.2. L-Appendiċi 2 jagħti mudell taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip.
 - 3.3. Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip skond l-Anness VII għad-Direttiva 70/156/KEE għandu jiġi assenjat lil kull tip ta' sistema ta' sostituzzjoni ta' l-egżost jew komponent tagħha approvat bħala unità teknika separata; it-taqsima 3 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip għandha tindika n-numru tad-Direttiva li qiegħda temenda li kienet applikabbli fil-mument ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura. L-istess Stat Membru ma għandux jassenja l-istess numru lil tip ieħor ta' sistema ta' sostituzzjoni ta' l-egżost jew għal komponent tagħha.
4. IMMARKAR TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE
 - 4.1. Kull sistema ta' sostituzzjoni ta' l-egżost jew komponent tagħha, minbarra l-biċċiet għall-immuntar u l-pajpijiet, li tikkonforma ma' tip approvat taħt din id-Direttiva għandu jkollha marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.
 - 4.2. Din il-marka għandha tikkonsisti f'rettangolu madwar l-ittra żgħira 'e' u warajha l-ittra/i jew in-numru li jiddistingwu l-Istat Membru li jkun ta l-approvazzjoni tat-tip:
 - '1' għall-Ġermanja
 - '2' għal Franza
 - '3' għall-Italja
 - '4' għall-Olanda

- '5' għall-Iżvezja
- '6' għall-Belġju
- '7' għall-Ungerija;
- '8' għar-Repubblika Ċeka;
- '9' għal Spanja
- '11' għar-Renju Unit
- '12' għall-Awstrija
- '13' għal-Lussemburgu
- '17' għall-Finlandja
- '18' għad-Danimarka
- '19' għar-Rumanija;
- '20' għall-Polonja
- '21' għall-Portugall
- '23' għall-Greċja
- '24' għall-Irlanda
- '26' għas-Slovenja;
- '27' għas-Slovakkja;
- '29' għall-Estonja;
- '32' għal-Latvja;
- '34' għall-Bulgarija;
- '36' għal-Litwanja;
- '49' għal Ċipru;
- '50' għal Malta.

Għandha tinkludi wkoll fil-viċinanza tar-rettanglu 'in-numru bażiku ta' l-approvazzjoni' li jinsab fit-Taqsima 4 tan-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip imsemmi fl-Anness VII tad-Direttiva 70/156/KEE, ippreċedut biż-żewġ ċifri li jindikaw in-numru tas-sekwenza assenjat lill-emenda teknika maġġuri l-aktar riċenti tad-Direttiva tal-Kunsill 70/157/KEE li kienet applikabli fil-mument ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-vettura. Għad-Direttiva 70/157/KEE, in-numru tas-sekwenza huwa 00; għad-Direttiva 77/212/KEE, in-numru tas-sekwenza huwa 01; għad-Direttiva 84/424/KEE, in-numru tas-sekwenza huwa 02; għad-Direttiva 92/97/KEE u din id-Direttiva, in-numru tas-sekwenza huwa 03. In-numru ta' sekwenza 03 jirrifletti wkoll ir-rekwiżiti tekniċi tas-serje 00 ta' emendi tar-Regolament UN/ECE Nru 59.

- 4.3. Il-marka għandha tkun tista' tinqara b'mod ċar u ma titħassarx ukoll meta s-sistema ta' l-egżost jew tal-komponent tagħha tkun installata fil-vettura.
- 4.4. Eżempju tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE tidher fl-Appendiċi 3.
5. MODIFIKA TAT-TIP U L-EMENDI GĦALL-APPROVAZZJONIJIET
- 5.1. Fil-każ ta' modifiki tat-tip approvat skond din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 5 tad-Direttiva 70/156/KEE.
6. KONFORMITÀ TAL-PRODUZZJONI
- 6.1. Miżuri biex jiżguraw il-konformità tal-produzzjoni għandhom jittieħdu skond id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 10 tad-Direttiva 70/156/KEE.
- 6.2. Dispożizzjonijiet speċjali:
 - 6.2.1. It-testijiet imsemmija fil-punt 2.3.5 ta' l-Anness X tad-Direttiva 70/156/KEE huma dawk preskritti fl-Anness 5 tar-Regolament 59 ta' l-UN/ECE kif imsemmi fl-Anness III ta' din id-Direttiva.
 - 6.2.2. Il-frekwenza ta' l-ispezzjonijiet imsemmija fl-entrata 3 ta' l-Anness X tad-Direttiva 70/156/KEE normalment hija darba kull sentejn.

Appendiċi 1

Dokument tat-Tagħrif Nru ... relatat ma' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE bħala unità separata ta' l-egżost għal vetturi bil-mutur (id-Direttiva 70/157/KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva .../.../KE)

It-tagħrif li ġej, jekk applikabbli, għandu jingħata fi tliet kopji u jinkludi lista tal-kontenuti. Kull illustrazzjoni għandha tingħata fi skala xierqa u f'dettall biżżejjed fuq daqs ta' A4 jew *f'folder* ta' format A4. Ir-ritratti, jekk ikun hemm minnhom, iridu juru dettall suffiċjenti.

Jekk is-sistema, il-komponenti jew it-taqsimiet tekniċi separati għandhom kontrolli elettroniċi, għandu jingħata t-tagħrif li jikkonċerna l-prestazzjoni tagħhom.

0. Ġenerali

0.1. L-għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tal-KEE:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar:

1. Deskrizzjoni tal-vettura li għaliha maħsub it-tagħmir (jekk it-tagħmir maħsub li jiġi installat fuq aktar minn tip wieħed ta' vettura, it-tagħrif mitlub taħt dan il-punt għandu jingħata għal kull tip ikkonċernat)

1.1. L-għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):

1.2. Tip u deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

1.3. Il-mezzi għall-identifikazzjoni tat-tip, jekk ikunu mmarkati fuq it-trattur:

1.4. Kategorija tal-vettura:

1.5. Numru ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE fir-rigward tal-livell tal-ħoss:

1.6. It-tagħrif kollu msemmi fl-entrati 1.1. sa 1.5. taċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip li jikkonċerna l-vettura (l-Anness I, l-Appendiċi 2 għal din id-Direttiva):

2. Deskrizzjoni tat-tagħmir

2.1. Deskrizzjoni tas-sistema ta' sostituzzjoni ta' l-egżost li tindika l-pożizzjoni relattiva ta' kull komponent tas-sistema, flimkien ma' l-istruzzjonijiet ta' l-immuntar:

2.2. Illustrazzjonijiet dettaljati ta' kull komponent, b'mod li jkun jistgħu jinstabu u jiġu identifikati b'mod faċli, u referenza għall-materjali użati. Dawn l-illustrazzjonijiet għandhom jindikaw il-post li jkun hemm ipprovdut għat-twaħħil obbligatorju ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE.

Data, Inkartament

Appendiċi 2

MUDELL

ĊERTIFIKAT TA' L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TAL-KE

(Format Massimu: A4 (210 x 297 mm))

Timbru ta' l-amministrazzjoni

Komunikazzjoni li tikkonċerna

— l-approvazzjoni ta' tip ⁽¹⁾— l-estensjoni ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾— iċ-ċaħda ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾— l-irtirar ta' l-approvazzjoni tat-tip ⁽¹⁾

ta' tip ta' vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ fir-rigward tad-Direttiva .../.../KEE, kif emendata l-aħħar bid-Direttiva .../.../KE.

In-numru ta' l-approvazzjoni tat-tip:

Ir-raġuni għall-estensjoni:

TAQSIMA I

0.1. L-għamla (isem kummerċjali tal-manifattur):

0.2. Tip u deskrizzjoni(ijiet) kummerċjali ġenerali:

0.3. Mezz ta' identifikazzjoni tat-tip, jekk immarkat fuq il-vettura/komponent/unità teknika separata ⁽¹⁾ ⁽²⁾:

0.3.1. Fejn tinsab il-marka:

0.4. Kategorija tal-vettura ⁽³⁾:

0.5. L-isem u l-indirizz tal-manifattur:

0.7. Fil-każ ta' komponenti u unitajiet tekniċi separati, il-post u l-metodu tat-twaħħil tal-marka ta' approvazzjoni tal-KEE:

0.8. Indirizz(i) ta' l-impjant(i) ta' fejn isir l-immuntar:

TAQSIMA II

1. Tagħrif addizzjonali (meta applikabbli): Ara l-Addendum

2. Is-servizzi tekniċi responsabbli li jwettqu t-testijiet:

3. Id-data tar-rapport tat-test:

4. In-numru tar-rapport tat-test:

⁽¹⁾ Ħassar kif xieraq.⁽²⁾ Jekk il-mezz ta' l-identifikazzjoni tat-tip ikun fih karattri li mhumiex rilevanti għad-deskrizzjoni tat-tipi ta' vettura, ta' komponent jew ta' unità teknika separata koperti biċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip, karattri bħal dawn għandhom ikunu rappreżentati fid-dokumentazzjoni bis-simbolu: '?' (eż. ABC??123??).⁽³⁾ Kif definita fl-Anness II A għad-Direttiva 70/156/KEE.

5. Rimarki (jekk hemm): Ara l-Addendum
6. Il-Post:
7. Id-Data:
8. Il-Firma:
9. L-indiċi għall-pakkett ta' tagħrif ippreżentat lill-awtorità ta' l-approvazzjoni, li jista' jinkiseb fuq talba, huwa meħmuż.

Addendum għaċ-ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE Nru ...

li jirrigwarda l-approvazzjoni tat-tip ta' l-unità teknika separata tas-sistemi ta' l-egżost tal-vetturi bil-mutur fir-rigward tad-Direttiva 70/157/KEE kif emendata l-aħħar bid-Direttiva .../.../KE)

1. Tagħrif addizzjonali
 - 1.1. Kompożizzjoni ta' l-unità teknika separata:
 - 1.2. *Trademark* jew isem kummerċjali tat-tip(i) ta' vettura bil-mutur li magħha għandu jiġi installat is-sajlenser ⁽¹⁾
 - 1.3. Tip(i) ta' vettura u n-numru/numri ta' l-approvazzjoni tat-tip tagħha/tagħhom:
 - 1.4. Il-Magna:
 - 1.4.1. It-Tip (*positive ignition*, diżil):
 - 1.4.2. Iċ-ċikli: *two-stroke*, *four-stroke*:
 - 1.4.3. Kapaċità ċilindrika totali:
 - 1.4.4. Qawwa massima valorizzata tal-magna kW fi min⁻¹
 - 1.5. Numru ta' *ratios* ta' dawrien tal-ger:
 - 1.6. *Ratios* użati ta' dawrien tal-ger:
 - 1.7. *Ratio(s)* tal-fusijiet motorizzati(i):
 - 1.8. Valuri tal-livell tal-ħoss:


vettura miexja: dB (A), veloċità stabbilizzata qabel aċċelerazzjoni bil-.....
km/siegħa;

vettura wieqfa dB (A), bil-..... min⁻¹
 - 1.9. Valur tal-pressjoni ta' wara:
 - 1.10. Kwalunkwe restrizzjoni fir-rigward ta' rekwiżiti ta' użu u ta' mmuntar:
2. Rimarki:

⁽¹⁾ Jekk ikunu indikati bosta tipi, l-entrati 1.3. sa 1.10 inklużi jridu jimtlew fir-rigward ta' kull tip

Appendiċi 3

Mudell tal-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-ke



Is-sistema ta' l-egżost jew komponent tagħha li jkollu l-marka ta' l-approvazzjoni tat-tip tal-KE kif tidher hawn fuq huwa tagħmir li għe approvat fi Spanja (e 9) skond id-Direttiva 92/97/KEE (03) taħt in-numru bażiku ta' l-approvazzjoni 0148.

Iċ-ċifri użati huma biss indikattivi."

—

ANNEX III

"ANNEX III

1. Ir-rekwiżiti tekniċi huma dawk stipulati fil-:
 - (a) punti 2, 6.1, 6.2.1 u 6.3 tar-Regolament Nru 51 (*) ta' l-UN/ECE u l-Annessi 3 sa 10 għalihom;
 - (b) punti 2 u 6 tar-Regolament Nru 59 (**) ta' l-UN/ECE u l-Annessi 3 sa 5 għalihom.
2. Għall-għanijiet ta' l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija fil-punt 1, għandu japplika dan li ġej:
 - (a) 'Vettura bla tagħbija' tfisser vettura li l-massa tagħha hija deskritta fil-punt 2.6 ta' l-Appendiċi 1 ta' l-Anness 1 għal din id-Direttiva, mingħajr sewwieq;
 - (b) 'Formola tal-komunikazzjoni' għandha tinftehem bħala ċertifikat ta' l-approvazzjoni tat-tip stipulat fl-Appendiċi 2 ta' l-Annessi I u II;
 - (c) 'Partijiet Kontraenti għar-regolamenti rispettivi' għandha tinftehem bħala Stati Membri;
 - (d) Referenzi għar-Regolament Nru 51 u r-Regolament Nru 59 għandhom jiġu interpretati bħala referenzi għad-Direttiva 70/157/KEE;
 - (e) In-nota ta' qiegħ il-paġna (1) fil-punt 2.2.6. għandha tinftehem kif ġej: 'Għad-definizzjonijiet tal-kategoriji, ara l-Anness II A tad-Direttiva 70/156/KEE'.

(*) ĠU L 137, 30.5.2007, p. 68.

(**) ĠU L 326, 24.11.2006, p. 43."